# Il-Ħuttafa

numru 110

Mejju - Ġunju 2012



Limonju

BirdLife MALTA 50 YEARS 1952 - 2012

Klabb Ħuttaf

Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf




Victor Falzon

Is-Sultan huwa l-ikbar mazzarell li naraw Malta. Huwa territorjali ħafna, jiġifieri l-vaska tiegħu jiddefendiha sew, u jkeċċi l-mazzarelli l-oħrajn kollha.



# Ħej Ħbieb Ħuttaf !

## editorjal

Eżatt kif kont ħa nikteb dan l-editorjal, il-ħbieb tagħna Ray Galea u ibnu Nick - żewġ berdwoċers akkaniti - tawna l-aħbar sabiħa li sabu bejta tal-kapinera fil-Buskett. Din hija l-ewwel darba li dan l-għasfur nafu li bejjet f'Malta.

Allura ddeċidejt li dan l-editorjal niddedikah lil din l-aħbar, għax mhux kull sena jbejjet għasfur ġdid. F'Malta l-lista ta' għasafar li jbejtu hija fqira mhux ħażin. Veru li f'dawn l-aħħar għaxar snin żdiedu speċi ġodda, bħar-rundun, it-tiġieġa tal-baħar u l-gamiema tal-kullar - kif taqraw mill-aħbarijiet f'*Il-Ħuttafa* stess - imma n-numru xorta għadu baxx.

Il-kapinera hija komuni u tidher kull sena fir-rebbiegħa u fil-ħarifa. Numru sabiħ minnhom anke jibqa' Malta fil-ħarifa u jgħaddu x-xitwa magħna. Eh, imma sa Mejju kollha jkunu parpru lejn Sqallija, l-Italja jew iktar 'il fuq.

Imma dis-sena par kapineri baqa' fil-Buskett, bnew bejta ġo liedna folta, u rabbew fiha familja ta' tnejn. Iss'issa għadni kemm smajt li ż-żewġ frieħ kibru b'suċċess, tgħallmu jtiru u telqu mill-bejta!

Aħna nisperaw li din ma tkunx l-ewwel u l-aħħar darba li l-kapinera tbejjet f'pajjiżna, u bil-qalb nistidnuha terġa' tiġi s-sena d-dieħla! Anzi jalla jiġu ż-żgħar u jbejtu huma wkoll. B'hekk tibda popolazzjoni ta' għasfur ġdid f'Malta.

Ċaw ħbieb. Gawdu s-sajf imma tantx toqogħdu fix-xemx.

Victor

**Victor Falzon**
l-Editur

Raymond Galea



Iż-żewġ flieles tal-kapinera fil-bejta. Ir-rix diġà qed jibda jispuntalhom.

Raymond Galea




L-omm waslet bl-ikel biex titma' liż-żgħar tagħha. Il-mara jkollha l-kappell kannella.

## mal-faċċata



Il-**Limonju** (sea-lavender) hija pjanta delikata li tikber baxxa fuq frieġħi irqaq ħafna u weraq f'bukkett fl-art. Din tar-ritratt tikber fi xtut ramlin u hija rari. Għad irid isir studju aħjar fuqha għax għadna lanqas nafu sew liema speċi hi!

Ritratt ta' Victor Falzon

## X'għandna?


| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Mid-dinja | 4 |
| X'nista' nara tgħid? | 5 |
| Kompetizzjoni | 5 |
| Attività | 6 |
| Mid-Djarju ta' 2 membri | 6 |
| Intervista ma' fjura | 6 |
| Jieħdu bażż! | 7 |
| Arti | 8 |
| X'idea dik! | 9 |
| Avviżi | 9 |
| Nħawi Naturali | 10 |


## il-kumitat

Kathleen Mamo (kap) • Jason Aloisio • Chris Cachia Zammit • Desirée Falzon • Nikki Falzon • Victor Falzon

## il-kuntatt

indirizz
**BirdLife Malta**
**57/28 Triq Abate Rigord**
**Ta' Xbiex XBX 1120**
tel **21347644 / 21347645 / 21347646**
imejl **info@birdlifemalta.org**
imejl tal-magażin
**il-huttafa@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**

## il-klabb

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt it-18. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, mixjiet, ħarġiet bil-lanċa, u nagħmlu wkoll xogħol ambjentali. Kull xahrejn noħorġu wkoll il-magażin *Il-Ħuttafa* li l-membri jirċievu d-dar bil-posta. Bħalissa fil-Klabb qegħdin xi 1000 membru. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija €7 fis-sena.

©BirdLife Malta, Ġunju 2012
Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop

aħbarijiet

# Żmien iż-Żgħar...

Ir-rebbiegħa hija ż-żmien meta l-għasafar jibnu l-bejtiet u jrabbu familji ġodda. F'Malta għandna diversi speċi ta' għasafar li jbejtu, u mhux għasafar tal-bejt biss, kif jaħsbu ħafna nies. Fost dawn hemm il-**monakella**, it-**tiġieġa tal-baħar** u l-**gamiema tal-kullar**. Dawn huma ritratti friski ta' xi frieħ tagħhom minn ta' dis-sena.




Victor Falzon



Victor Falzon

F'Malta l-Monakella tbejjet biss fir-riserva naturali tal-Għadira. Dawn huma tlieta mill-flieles li faqqsu f'Mejju ta' dis-sena.



Raymond Galea




Victor Falzon

F'Malta t-tiġieġa tal-baħar tbejjet biss fir-riserva naturali tas-Simar. Dawn tlieta mill-flieles li faqqsu f'Mejju ta' dis-sena.




Chris Cachia Zammit



Ray Galea

Il-gamiema tal-kullar bdiet tbejjet regolari f'Malta f'dawn l-aħħar għaxar snin. Dawn żewġ bċieċen li faqqsu dis-sena.

Dawn l-aħbarijiet u anke ta' paġna 4 tajbin biex tużawhom l-iskola fl-Attività JUNIOR JOURNALIST (Dinja Waħda)

Dinja Waħda hija kampanja edukattiva ambjentali li titmexxa fl-iskejjel minn BirdLife Malta u Bank of Valletta, bl-għajnuna tal-Ministeru tal-Edukazzjoni.

Dinja Waħda

BirdLife Malta

Bank of Valletta

# Daqqa ta' ħarta għall-Amażon



L-Amażon hija waħda mill-ikbar foresti tad-dinja, u fiha jgħixu eluf ta' speċi ta' pjanti u annimali. Ħafna mill-Amażon qiegħda fil-**Brażil**, u għalhekk il-futur tagħha qiegħed f'idejn in-nies u l-gvern t'hemmhekk. B'xorti ħażina s'issa l-Brażiljani ma tantx beżgħu għall-Amażon għax kull sena jaqtgħu u jaħarqu meded kbar minnha.

Dan l-aħħar il-Brażil għadda liġi ġdida li biha l-qerda tal-foresta flok tonqos ħa żżid! Fil-Brażil l-għaqdiet tal-bdiewa huma sinjuruni u b'saħħithom ħafna, u hemm bdiewa biljunarji li lesti jaqtgħu l-Amażon kollha u jibdluha f'għelieqi enormi fejn irabbu miljuni ta' baqar. Dal-baqar imbagħad isiru... ħambergers!

B'xorti tajba, l-aktar partijiet koroh tal-liġi l-ġdida neħħewhom. Għall-inqas!






## Żdiedet



F'dawn l-aħħar 20 sena, il-puma żdiedet sew f'diversi stati tal-i**Stati Uniti**, speċjalment fl-inħawi magħrufin bħala l-Midwest. Dan l-aħħar sar servej fuq dal-ġmiel ta' annimal u sabu li fi stati bħal Texas, Arkansas, Nebraska, South Dakota, North Dakota, u anke (fil-Kanada) f'Manitoba u Ontario, minn inqas minn 100 li kienu għoddew fl-1990 issa n-numru tela' għal 30,000!

Nisperaw li l-kaċċaturi-kawbojs Amerikani ma jibdewx jikluhom idejhom biex imorru jieħdu bażż joqtlu koċċ puma għall-gost.



## Ġdid



Il-**Kolombja** hija l-iktar pajjiż fid-dinja li fih għasafar differenti: xi 1880 speċi! Dan għaliex il-Kolombja għandha varjetà kbira ta' ambjenti differenti, u f'kull ambjent issib natura differenti, inkluż għasafar.

U issa sabu ieħor. Dan huwa l-Antioquia Wren, u sabuh erba' [1]ornitoloġi Kolombjani, li għamlu sentejn jistudjaw u josservaw dawn l-għasafar fil-majjistral tal-pajjiż.

L-Antioquia Wren *Thryophilus sernai* mhux talli huwa għasfur ġdid għax-xjenza, imma huwa wkoll [2]endemiku għall-Kolombja.



## Naqset



Fid-dinja baqa' biss xi 4000 tigra, u kważi nofshom jgħixu fl-**Indja**. Għalhekk minn kif l-Indja tittratta t-tigri tagħha jiddependi ħafna l-futur ta' dan l-annimal tal-ġenn.

Fil-fatt l-aħbarijiet mill-Indja huma ħżiena immens. Fl-2010 ġew rappurtati li nqatlu 56 tigra, u fl-2011 inqatlu 52. Waħda fil-ġimgħa!

U dis-sena agħar, għax fl-ewwel sitt xhur biss diġà nstabu 48 tigra mbiċċra!

It-tigri jinqatlu l-iktar biex jinbiegħ l-għadam tagħhom fiċ-Ċina, fejn ħafna jemmnu li huwa mediċinali!

[1]**ornitologu** = xi ħadd li jistudja l-għasafar • [2]**endemiku** = jinstab biss f'dak il-pajjiż jew reġjun



# X'nista' nara tgħid?

jikteb **Jason Aloisio**

## Tertuxa

**Little Stint** *Calidris minuta*



Victor Falzon

It-Tertuxa hi fost l-iżgħar u l-iktar komuni mill-grupp tal-għasafar tax-xatt. Tidher fi żmien il-passa u anke matul is-sajf. L-aħjar postijiet fejn tista' taraha, flimkien ma' għasafar oħra tax-xatt huma s-Salini u r-riservi naturali tal-Għadira u tas-Simar. Tħobb tfittex l-ikel ma' għasafar ikbar minnha, qisha biex titwennes. L-ikel tagħha, magħmul l-aktar minn [1]invertebrati żgħar, tnaqqru minn wiċċ it-tajn b'munqar żgħir u rqiq. L-aħjar mod biex tagħrafha, speċjalment meta jkollha l-kuluri ċari tax-xitwa, hu mid-daqs żgħir tagħha.

It-tertuxa tbejjet fin-naħat ta' fuq tal-Ewropa u tal-Asja, fejn is-sajf huwa qasir. Huwa għalhekk li tibda tpassi kmieni lejn l-Afrika meta l-ħarifa tkun għadha lanqas bdiet. Il-frieħ ipassu ftit wara l-ġenituri tagħhom.




It-tpinġija meħuda mill-ktieb **Għasafar Madwarna**, li huwa miktub apposta għat-tfal. Dal-ktieb jiswa €5 u tista' tixtrih mingħand il-BirdLife jew billi żżur ir-riservi naturali tal-Għadira jew Is-Simar.

[1]**invertebrati** = annimali bla sinsla tad-dahar (vertebra), ħafna minnhom bla għadam ieħor ukoll. Per eżempju insetti, brimb, ħniex, bebbux, gambli, qarnit, arzell, granċijiet, eċċ.





Cover: Hardback • Size: 24cm x 20cm • Pages: 384 pages

With hundreds of species described and over 500 images of local flora and fauna, Guido Bonett presents a simple introduction to newcomers in nature photography, highlighting the possibilities that exist on these islands for the aspiring nature photographer and also encourages others to start looking at our world in a different way, camera in hand.

This publication sells for €29.95 and can be obtained from the publishers, Book Distributors Ltd, www.bdlbooks.com or from all leading outlets. • For trade enquires please call 21380351








OVER 500 PHOTOGRAPHS · CLOSE-UPS OF FLORA, INSECTS, REPTILES, BIRDS, AND OTHER WILDLIFE




Ktieb sabiħ immens. Ixtruh.

## KOMPETIZZJONI POSTER 5



F'Il-Ħuttafa li jmiss ħa jkollna l-ħames poster. Dan biċċa mir-ritratt li ħa jidher. X'taħseb li hu l-għasfur? Ibgħat it-tweġiba, flimkien ma' ismek, f'dan l-imejl **kompetizzjoni.poster@gmail.com** Aħna mbagħad intellgħu isem minn dawk li jaqtgħu, u min jirbaħ nibagħtulu rigal żgħir.




Chris Cachia Zammit

attività

# Appuntament maċ-Ċief

Reġgħet waslet waħda mill-iktar ħarġiet popolari: il-ħarġa bil-lanċa lejn Ta' Ċenċ għal ftit kumpanija maċ-ċief. Iċ-ċief huwa tajr ta' baħar li filgħaxija jħobb jinġabar fi gruppi fuq il-baħar ftit bogħod mix-xatt. Aħna ħa mmorru ftit sa dawk in-naħat biex fil-kwiet ingawduhom ftit. Forsi naraw xi denfil ukoll...



**Data** il-Ġimgħa 13 Lulju 2012
**Prezz** €5 Tibagħtux flus bil-posta (ħlas fil-post).
**Merħba** *Membri, familji u ħbieb
**Iktar dettalji** meta tibbukkjaw.




Dakinhar ħa nqassmu l-istiker I ♥ Klabb Ħuttaf numru 5.

Jekk il-baħar jagħmlilkom id-deni, tieklu xejn sa 3 sigħat qabel il-ħarġa.

Biex tibbukkjaw ċemplu lill-BirdLife fuq 21347644/5 (ħinijiet tax-xogħol). Ċans għandkom sa 3 Lulju imma tittardjawx għax il-postijiet jinħatfu.

*Tfal taħt it-8 snin irid jiġi magħhom xi ħadd kbir.

Kathleen Mamo



## Mid-Djarju ta' 2 membri...

**Il-Ħadd 6 Mejju 2012.** Jien ili membru fil-BirdLife imma llum mort l-ewwel ħarġa tiegħi magħhom. Morna r-riserva naturali tal-Għadira, hemmhekk rajt tipi differenti ta' għasafar bħal russett griż, agretti bojod u għasafar oħra. Kif kont hemm sirt naf bi pjanta jisimha denb il-fenek, u kienet sabiħa. Ħadt pjaċir ħafna l-ewwel ħarġa ma' Klabb Ħuttaf u nittama l-ħarġiet li jkun hemm ma nitlifhomx għax kienet tant interessanti.

**Alvin Farrugia** (13)

**Il-Ħadd 6 Mejju 2012.** Illum mort l-ewwel ħarġa tiegħi ma' Klabb Ħuttaf għar-riserva tal-Għadira. Bdejna b' mixja madwar ir-riserva u rajna qatgħa rundun u ħawwiefa jtiru. Wara rajna gamiem tal-kullar, kaċċamendula u buċaqq jistrieħu fuq wajers tad-dawl. Dħalna fir-riserva u hemmhekk osservajna aktar għasafar mill-qrib u anke bit-trombi. Rajna russett griż u xi agretti bojod li jżuruna fil-passa. Waqt li mixjin fil-passaġġ biex immorru ġo kamra fuq wara tar-riserva, rajna l-pjanta tal-ħannewija. Fost l-għasafar li rajna mill-kamra kien hemm diversi tipi ta' ħuttaf, pispisella ħamra, gallozz u gawwija. Kemm kienet interessanti din il-ħarġa! Jien qiegħda nistenna bil-ħerqa l-ħarġa li jmiss.

**Nicole Azzopardi** (8)

Jien ukoll inżomm djarju, imma sigriet.

Naf! Qrajthulek!



# Intervista ma' Fjura

Victor Falzon




**X'jismek?**
Jisimni Pankrazju. Hawn min jafni wkoll bħala Narċis il-Baħar.

**Inti rari jew komuni?**
Ma tantx issibni lili, ħijjos.

**Għaliex inti daqshekk rari?**
Għax l-ambjent tiegħi huwa rari. Jien ngħix fl-[1]għaram tar-ramel.

**X'ikunu dawn?**
Ikunu munzelli tar-ramel...

**Bħal dawk tad-deżert?**
Iva, imma jien ngħix fl-għaram li jiffurmaw f'xatt il-baħar.

F'**Il-Ħuttafa 103** konna ġibna fuq l-għaram tar-ramel.



**F'liema żmien tiftaħ il-fjura?**
Jien fjura tas-sajf, ħabib.

**Tidher fjura sabiħa...**
Mhux biss sabiħa, imma kbira u tfuħ bħall-ġilju.

**Prosit eh. U minbarra l-ambjent rari, għandek problemi oħra?**
Peress li l-fjuri tiegħi jfuħu, kultant jaqtgħuhomli. U xi drabi l-karozzi jipparkjaw fuq ir-ramel u jżellġuna ġor-ramel...

**X'għarukaża! X'jismek bl-Ingliż?**
Jisimni *Sea Daffodil*.

**Grazzi ħafna u saħħa.**
Saħħa lilek, u jekk tkun f'xatt il-baħar u tara lil sħabi, sellili.

[1] **għaram tar-ramel**. Bl-Ingliż *sand dunes*.










# Jieħdu bażż!




Kważi kull fejn issib il-fjuri ħa ssib l-insetti. U fost l-iktar insetti li jixxalaw bil-fjuri huma n-naħal u ż-żnażan.

Ħafna nies jibżgħu min-naħal u ż-żnażan minħabba dik l-imbierka xewka. Imma jekk ma nfixkluhomx, dawn l-insetti ma jagħmlulna xejn, anzi jkomplu bix-xogħol bieżel tagħhom.

F'Malta għandna mal-200 speċi ta' naħal u żnażan, u dawn sebgħa minnhom.

Innutaw kemm dawn l-insetti jħobbu l-iswed u isfar. Fin-natura dawn iż-żewġ kulur flimkien ifissru PERIKLU. Din twissija lil annimali oħrajn biex iħallu lil dawn l-insetti bi kwiethom.












Agħti kulur lill-istampa.

# Fras-servjent

Black-winged Stilt



Victor Falzon





Ibagħtulna t-tpinġijiet u r-ritratti li tieħdu tan-natura (mhux pets jew fjuri kultivati) u aħna nġibuhomlkom f'dil-paġna, basta jkunu veru tagħkom. Tistgħu tibagħtuhom

- **bil-POSTA*** lil
  **Klabb Ħuttaf BirdLife Malta**
  **57/28 Triq Abate Rigord**
  **Ta' Xbiex XBX 1120**

jew

- **bl-IMEJL** (jpg, pdf, tif) lil
  **il-huttafa@birdlifemalta.org**

*Materjal li tibagħtulna bil-posta ma nkunux nistgħu nibagħtuhulkom lura.



**Qaqoċċ tax-Xewk**
Francesco Tanti (5)






**Vjolin tax-Xitwa**
Martina Mifsud (13)



# ARTITASKYA

Kartun ieħor ta' **Askya Pizzuto** (16)



**Ħuttafa**

# X'idea dik!

Desirée Falzon

## Ideat li l-bniedem ikkopja min-natura




Skont it-tradizzjoni, fis-sena 105, wieħed Ċiniż jismu Ts'ai Lun kien qed josserva **żunżan tax-xehda** jibnu l-bejta tagħhom u innota kif iż-żunżana tgerrem l-injam minn zokk ta' pjanta u tibda tomogħdu sakemm isir qisu pejst. Imbagħad iż-żunżana tuża saqajha u anke ħalqha stess biex tiċċattja l-pejst. Meta ġġibu l-ħxuna ta' karta tibda tużah biex tibni l-ħitan tax-xehda tagħha, b'dawk il-ħafna ċelel żgħar.

Minħabba li Ts'ai Lun xogħlu kien li joħloq magni u invenzjonijiet oħra għall-Imperatur tiegħu Han Ho Ti, dan mill-ewwel beda jħaddem moħħu biex jara kif jista' jimita liż-żnażan. Ts'ai Lun qabad zkuk tal-bambù, taċ-ċawsla u ftit ċraret, qattagħhom, ħallathom flimkien u xarrabhom qisu kif jagħmel żunżan f'ħalqu. Meta t-taħlita saret ħaġa waħda, nixxifha, ferrixha fuq tilar u b'hekk ħoloq... **il-karta**!

Din l-iskoperta tant kienet kbira li ċ-Ċiniżi żammewha sigrieta għal mijiet ta' snin!


Victor Falzon

Żewġ żunżaniet qed igerrmu l-injam biex jibdew jomogħduh. Bl-Ingliż daż-żunżan jgħidulu *paper wasp*.


Desirée Falzon

Familja żnażan mehdijin jaħdmu u jibnu x-xehda. Iċ-ċelel bit-tapp ikollhom fihom [1]fosdqa ta' żunżana ġdida.


Desirée Falzon

Dehra mill-qrib tax-xehda. Tal-karti. Kos, iż-żnażan ivvintaw il-karta miljuni ta' snin qabilna!

[1] **fosdqa**. Wara li xagħhat ta' insett ikun kiber biżżejjed, jingħalaq ġo fosdqa biex imbagħad joħroġ minnha kbir. Bl-Ingliż jgħidulha *pupa*.

Eluf ta' snin qabel iċ-Ċiniżi, l-Eġizzjani kienu ivvintaw tip ta' karta imma kellhom sistema oħra. Flok ifarrku l-injam u jagħmluh pejst kienu jinsġu strippi rqaq tal-papiru. Il-papiru huwa tip ta' qasab li jikber mal-ġnub tax-xmara Nil. Jingħad però li qabel ma bdew juzaw il-papiru, l-Eġizzjani għal xi żmien ukoll kienu skoprew u kkupjaw is-sigriet taż-żnażan!




## AVVIŻI

### Grazzi

Nixtiequ ngħidu grazzi lill-gazzetta **L-ORIZZONT** li għal dawn l-aħħar ħames snin kull ġimagħtejn fil-paġni tat-tfal ġabitilna rokna dwar in-natura jisimha... **Rokna Natura!**

**20699595**

Ċemplu fuq dan-numru jekk taraw bini jew żvilupp kontra l-liġi.

### Websajt

Biex titgħallmu fuq fjuri u siġar Maltin żuru l-websajt **www.maltawildplants.com**

### Websajt

Biex titgħallmu fuq ix-xogħol tal-BirdLife żuru l-websajt **www.birdlifemalta.org**







### IDEA GĦAS-SAJF

Tridu tiffrankaw l-elettriku? **BAJDU L-BEJT ABJAD**! L-abjad jirrifletti mhux biss id-dawl imma anke s-sħana. Għalhekk djar bil-bejt abjad ikunu iktar friski minn djar bil-bejt skur. Ara kemm fannijiet u erkondixiners tiffranka! Cool!

Elisabeth Conrad iddur il-Gżejjer Maltin u ssibilna postijiet interessanti għan-natura.



Aron Tanti

# Is-Salina

Elisabeth Conrad

Natura 2000 hija sensiela ta' postijiet madwar l-Ewropa fejn in-natura hija protetta. Flimkien, is-siti Natura 2000 jiksu 20% tal-Ewropa.

X'aktarx ħafna minnkom għaddejtu xi darba mill-inħawi tas-Salina, li qiegħed ħdejn il-Kennedy Grove (forsi tiftakru r-riħa mhux tant tfuħ!) Is-Salina huwa post importanti ħafna għan-natura f'Malta, tant li llum huwa **Natura 2000 Site**.

## Ambjent rari

L-ambjent tas-Salina huwa speċjali ħafna, għax fih jiltaqgħu tliet tipi ta' ambjent naturali: l-art, l-ilma ħelu u l-ilma baħar. Fejn dawn it-tliet ambjenti jiltaqgħu spiss jifforma dak li ngħidulu **bur** [1]**salmastru** jew **bur mielaħ** (saltmarsh). Bwar salmastri ma tantx għandna fil-Gżejjer Maltin, għalhekk post bħas-Salina rridu nibżgħu għalih għax huwa rari.

## Jifilħu għall-imluħa

Issa li dieħel is-sajf aħna ngergru bis-sħana, imma l-pjanti li jgħixu fil-bwar salmastri għandhom problemi kbar oħrajn. Per eżempju, minħabba li fis-sajf ma tagħmilx xita, jonqos ħafna l-ilma ħelu, u b'hekk jiżdied l-ammont ta' melħ fl-ilma. Għalhekk il-pjanti li jgħixu hawnhekk iridu jkunu jifilħu ħafna mluħa. Mhux biss, imma jridu jkunu wkoll kapaċi jgħixu f'ambjent li jinbidel minn staġun għal ieħor. Irridu niftakru li ħafna annimali jistgħu jitilqu minn post meta staġun jinbidel u ma jibqax komdu għalihom. Il-pjanti ma jistgħux imorru x'imkien ieħor, għax imwaħħlin fl-art!

Xi pjanti tipiċi ta' dan l-ambjent jadattaw għall-imluħa għolja u għan-nuqqas ta' xita billi jaħżnu l-ilma ħelu fil-weraq. Hekk jagħmel per eżempju x-**xorbett**, li għandu weraq imlaħħmin għax fih isorr l-ilma. Oħrajn, bħall-**almeridja**, għandhom weraq żgħir ħafna li jnaqqas it-telf ta' ilma ħelu. Is-siġra tal-**bruk** li tikber fl-inħawi tas-Salina terfa' l-melħ fil-weraq, li mbagħad twaqqgħu fix-xitwa, u teħles mill-melħ żejjed b'dal-

## Fejn hu?

Is-Salina qiegħed ħdejn il-Qawra, sewwasew fejn tispiċċa t-triq li minn Baħar iċ-Ċagħaq twasslek San Pawl il-Baħar.

Alex Casha



**Sikrana tar-Ramel**
**Sea Couch-grass** *Agropyron junceum*



**Imqass tax-Xtut**
**Maritime Earwig** Anisolabris maritima



**Xorbett**
**Golden Samphire** *Limbardia crithmoides*

Victor Falzon

Anisolabris...

X'għedt? Għandek bżonn lapes?



Fir-ritratt jidher parti mill-Kanal tas-Sokkorsu u l-ikbar tliet salini, li qegħdin fuq barra nett.




mappa Victor Falzon

mod. Fis-Salina nsibu wkoll pjanti oħra adattati sew għal dan l-ambjent u li m'għadhom jinstabu mkien iktar fil-Gżejjer Maltin. Tnejn minnhom huma l-**mellieġ tal-bwar mielħa** (Borrer's saltmarsh grass) u s-**sikrana tar-ramel**.

## Fawna speċjali

Is-Salina huwa wkoll ta' interess għall-fawna. Fil-Kanal tas-Sokkorsu, li jdur mas-salini u li jilqa' fih l-ilma ħelu li jinżel mill-widien ta' Burmarrad, insibu l-**bużaqq**, l-unika ħuta tal-ilma salmastru li għandna f'Malta.

Is-Salina huwa wkoll post ta' interess storiku għax kienu bnewh il-Kavallieri ta' San Ġwann biex jipproduċu l-melħ. Dari kien wieħed mill-posijiet ewlenin għall-produzzjoni tal-melħ f'Malta.




Is-Salina huwa wkoll post eċċellenti għall-għasafar tax-xtut, bħat-**tertuxa** (ara paġna 5) u l-**fras-servjent**, li jieqfu hemmhekk waqt il-passa biex jieklu u jistrieħu; is-Salina huwa fil-fatt [2]santwarju tal-għasafar. F'dan il-post kienet instabet l-ewwel bejta f'Malta tal-**bufula tal-qasab** fl-1977, u f'xi snin għadha tbejjet hemm. Fis-Salina hemm ukoll fawna li ma ssibhiex f'postijiet oħra, bħal tip ta' insett jgħidulu **mqass tax-xtut**, jew li mhumiex komuni, bħal tip ta' gamblu jgħidulu [3]**amfipodu tas-salmastru**.




[1]**salmastru.** Ilma li jkollu mħallat fih l-ilma baħar, is-soltu fejn wied jiftaħ fuq il-baħar
[2]**santwarju tal-għasafar.** Post fejn l-għasafar huma mħarsin minn kull tfixkil, kaċċa, insib, eċċ. Per eżempju l-Buskett, l-Għadira, Is-Simar, Ta' Ċenċ, Kemmuna, eċċ.
[3]**amfipodu tas-salmastru.** L-isem xjentifiku tiegħu huwa *Gammarus aequicauda*.

Victor Falzon



**Fras-servjent**
**Black-winged Stilt** *Himantopus himantopus*

Alex Casha



**Bruka**
**African Tamarisk** *Tamarix africana*

Victor Falzon




**Bużaqq**
**Mediterranean Killifish** *Aphanius fasciatus*




aħna ngħinuk tfaddal

Faddal permezz tal-BOV Young Savers Account u gawdi minn karus b'xejn meta tkun faddalt €100 fil-kont u rati vantaġġjużi ta' imgħax fuq il-flus li ġġemma'. Ġenituri, nanniet, tuturi jew rappreżentanti legali jistgħu jiftħu dan il-kont biex iġemmgħu għal tfal żgħar.

*Impenn lejn is-suċċess tiegħek.*

**BOV YOUNG SAVERS ACCOUNT**
**2131 2020 | bov.com**

Termini u kundizzjonijiet japplikaw.

Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c.
58, Triq Żakkarija
Valletta VLT 1130 - Malta

BOV
Bank of Valletta